MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 3/2007

**Emanuel Galea**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-8 ta’ Jannar, 2007, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

**“**L-Arbitru,

Rat d-decizjoni appellata.

Rat l-ittra ta' l-appell.

Rat r-risposta tad-Direttur.

Semghet t-trattazzjoni ta' l-appell.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellant kien jircevi il-Pensjoni ta' l-Invalidita` u dana sas-7 ta' April 2006, f' liema data dina l-pensjoni giet imwaqqfa mid-Direttur stante illi fuq struzzjonijiet li d-Dipartiment irceva minghand id-Direttorat tal-Frodi u Investigazzjonijiet, wara li saru l-ispezzjonijiet, irrizulta li d-Direttur ma setax ikun sodisfatt li l-appellant m'huwiex qed jahdem/u jew jaghmel xoghol bi qliegh.

Illi mir-rapport ta' l-ispetturi, jirrizulta illi l-appellant Emanuel Galea kien qieghed irabbi numru sostanzjali ta' fniek fil-garaxx biswiet id-dar tieghu. L-ispetturi fir-rapport taghhom isemmu numru ta' madwar hmistax-il gagga b'madwar ghaxra sa hmistax-il fenek f' kull gagga. L-appellant isostni illi huwa minnu illi huwa jrabbi l-fniek izda dana jaghmlu biss biex ibiegh lil familjari tieghu u anke bhala terapija ghal marda illi jbati minnha. Illi ghalhekk ex *admissis* irrizulta illi jekk l-appellant jahdem fit-trobbija ta' l-annimali dana jista' ikun ta' beneficcju ghal marda tieghu u mhux ta' detriment.

Illi l-ligi fl-artikolu 26 ta' l-Att tiddisponi illi persuna tkun intitolata tircevi Pensjoni ta' l-Invalidita` jekk il-marda li jsofri minnha, anke jekk mhux ta' natura permanenti, tirrendieh inkapaci milli jaghmel xoghol ta' natura *full-time* jew *part-time.* Mill-provi rrizulta u anke senjatament mic-certifikat mediku tal-psikjatra Dr. Joseph Spiteri (Dokument X1), illi t-trobbija ta' l-annimali sservi lill-appellanti bhala parti mill-kura ghal kundizzjoni medika li huwa isofri minnha.

Illi ghalhekk f' dana l-kaz, l-Arbitru hija tal-fehma illi l-appellanti huwa kapaci illi jahdem imqar b'mod *part-time* fit-trobbija tal-fniek, u jidher ampjament ippruvat illi l-kundizzjoni medika tieghu ma timpediehx milli jaghmel dana t-tip ta' xoghol, anzi jista' jkun ta' beneficcju ghalih u kwindi skond il-ligi

huwa ma huwiex intitolat jircevi il-Pensjoni ta' l-Invalidita`.

Ghaldaqstant l-appell qed jigi michud u d-decizjoni tad-Direttur ikkonfermata.**”**

Ir-rikorrenti jimpunja din is-sentenza ta’ l-Arbitru b’ dawn l-aggravji:-

(i) L-evidenti kuntrast u konflittwalita` bejn is-sentenza appellata u dawk l-ohra pronunzjati fl-istess jum mil-istess Arbitru fuq mertu identiku;

(ii) L-intitolar ghall-ghajnuna *de qua* konsistenti f’ Pensjoni ta’ l-Invalidita` ma kellhiex tigi revokata la mid-Direttur u lanqas mill-Arbitru minghjar is-support ta’ parir mediku kuntrarju;

(iii) Il-provi manifestament juru li huwa tabilhaqq marid serjament;

(iv) It-trobbija minnu tal-fniek kien merament wiehed ta’ delizzju li minnu ma kellux introjtu bizzejjed biex jista’ effettivament jinghad li hu kien kapaci ghall-impjieg xieraq *full time* jew fuq bazi regolari *part time* fit-termini ta’ l-Artikolu 26 (1) tal-Kapitolu 318;

Mill-inkartament tal-kaz, u senjatament il-kopji tad-decizjonijiet esebiti mill-appellanti flimkien mar-rikors ta’ l-appell tieghu, jirrizulta illi l-appellanti kien recipjenti ta’ tliet xorta ta’ ghajnuniet mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali. Dik tal-Ghajnuna ghal Mard, dik tal-Ghajnuna Socjali u dik tal-pensjoni ta’ l-Invalidita`, mertu ta’ l-appell odjern. Billi dawn l-ghajnuniet gew imwaqqfa lilu l-appellanti intavola gravam f’ kull wiehed minnhom quddiem l-Arbitru;

Jidher li huwa opportun ghall-ahjar indagini ta’ l-ewwel aggravju sottopost lil din il-Qorti illi jigu riprodotti l-partijiet

razzjonali tat-tliet sentenzi moghtija mill-Arbitru fl-istess jum:-

(1) F' dik rigwardanti l-Ghajnuna ghal Mard l-Arbitru ddeterminat illi l-provi ma kienux iwasslu ghal konvinciment illi l-appellanti qieghed fil-fatt jahdem bi qliegh. Dan in bazi ghall-assunt illi ma giex ipprovat kemm kien in-numru ta' fniek imrobbija u allura kemm hu l-qliegh minn tali trobbija;

(2) Fis-sentenza koncernanti l-beneficcju taht l-Ghajnuna Socjali l-Arbitru bbazat l-akkoljiment tal-gravam quddiemha fuq l-istess motiviazzjoni appena esposta;

(3) Invece fid-decizjoni mertu ta' l-appell prezenti l-Arbitru rragonat illi ghalkemm it-trobbija sservi ta' terapija medika, il-kundizzjoni ta' sahhet l-appellanti ma tippreskludihx milli jahdem imqar *part time* fit-trobbija tal-fniek;

Din il-Qorti tibda biex tirrikonoxxi *in primis* il-poter diskrezzjonali ta' l-Arbitru fl-evalwazzjoni tal-provi. Dan ghaliex lilu hi vestita s-setgha li jiddefinixxi l-kontenut u l-portata tar-rizultanzi istruttorji tal-kaz quddiemu. Maghdud dan, ma jfisserx illi l-ezercizzju ta' dan il-poter diskrezzjonali huwa hekk assolut li ma jattirax lejh is-sindakabilita` ta' din il-Qorti meta jinstab li jezistu cirkostanzi li jiggustifikaw dan u jkun stabbilit li l-koncezzjoni tal-fatti jew tal-punt tad-dritt huma errati. Dan iwassal biex din il-Qorti tghaddi ghall-verifika ta' l-ezistenza, o meno, ta' l-allegata kontradittorjeta sottomessa mill-appellanti;

Kif jirrizulta mill-esposizzjoni tar-*ratio decidenti* fuq migjuba, jidher li l-Arbitru sabet minn serje ta' cirkostanzi fiz-zewg appelli l-ohra, minnha specifikament identifikati, illi dawn kienu hekk idoneji biex jiddemostraw l-ezistenza tal-gravam imqanqal mill-appellanti. Minnhom attestat illi verament kienu jissussistu elementi probatorji idoneji biex jiggustifikaw il-konvinciment taghha illi d-decizjoni tad-

Direttur kienet zbaljata ghax fil-fatt ma nstabx li l-appellanti kien qed jahdem bi qliegh;

Fil-fehma ponderata ta’ din il-Qorti meta l-Arbitru rrizolviet il-kwestjoni quddiemha fiz-zewg gudizzji l-ohra fuq dik il-bazi, il-koerenza guridika kellha tiddettalha illi hi ssegwi l-istess *iter* logiku anke fil-kaz dwar liema qed isir l-appell attwali. Dan ghal motiv illi fit-tliet gudizzji bejn l-istess partijiet kien hemm l-identiku rapport guridiku u l-fatti fit-tlieta kienu l-istess. Jikkonsegwi illi d-decizjoni f’ dan il-kaz ma kellhiex tinghata zvolta differenti minn dawk tal-processi l-ohra fuq l-istess punt accertat u rizolut. Anzi, kien mistenni illi dak l-istess accertament u rizoluzzjoni jestendu ruhhom anke fil-kaz in ispecje, u li l-portata vinkolanti ta’ dawk id-decizjonijiet l-ohra tesplika l-effetti taghha anke hawnhekk;

Agguntivament ma’ dan, l-Arbitru kien messha tapprofondixxi sew il-portata ta’ l-espressjoni “tahdem bi qliegh” li fuqha d-Direttur appellat iffonda d-decizjoni tieghu li jwaqqaf l-Pensjoni ta’ l-Invalidita` lill-appellanti. Fundamentalment, jekk effettivament fil-mument ta’ tali decizjoni l-appellanti kienx verament qed jahdem bi qliegh jew ghallanqas il-fatti kienux hekk konklussivi li jsahhu tali suspett. Dan dejjem fil-kwadru tad-definizzjonijiet li l-Kapitolu 318 jaghti lill-espressjonijiet “tahdem bi qliegh”, “tahdem ghaliha nnifisha” u kif ukoll lill-kelma “qliegh”. *Multo magis*, imbaghad, meta kif jirrizulta mill-atti l-appellanti kien hekk intitolat ghall-invalidita` pensjonabbli minhabba proprju l-istat invalidanti tieghu, medikament accertat u sostenut b’ dokumenti u certifikati esebiti, kompriza dik tal-panel tat-tobba ta’ l-istess Dipartiment. Inkapacita` din li minn dak ikkonstatat mill-istess dokumenti u certifikati kienet izzommu milli jwettaq impjieg xieraq *full time* jew fuq bazi regolari *part time*. Biex jinghad kollox, imbaghad, u kif del resto osservat mill-istess Arbitru fid-decizjonijiet l-ohra, lanqas ma rrizulta illi t-trobbija tal-fniek li kien jaghmel l-appellanti kienet ta’ xi skala hekk estensiva li kellha tissuggerixxi lill-Arbitru li l-

appellanti kien hekk kapaci jiggestixxi "mqar fuq bazi *part time*";

Jekk trid il-Qorti tista' tieqaf hawn. Tillimita ruhha pero` ghal din l-osservazzjoni ta' l-ahhar. Il-vizzju tal-kontradittorjeta` konsistenti mill-kuntest bejn l-*iter* logiku-guridiku f' din is-sentenza appellata u dak tad-decizjonijiet l-ohra hu ravvisat fl-ipotesi fejn il-motivazzjoni fil-wahda, fondata fuq presuppost determinat, tinsab li qeghda f' kuntrast insanabbli ma' dik tal-motivazzjoni fil-gudikati l-ohra. Dan hu proprju l-kaz hawnhekk u huwa ghalhekk li din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tiddiskosta ruhha mill-konkluzjoni raggunta.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tilqa' l-appell u b' hekk tirrevoka s-sentenza appellata. Tiddikjara zbaljata d-decizjoni tad-Direttur appellat li jwaqqaf il-Pensjoni ta' l-Invalidita` lill-appellanti u dan ghandu jkompli jippercepixxi tali pensjoni mid-data tat-twaqqif taghha. Fic-cirkostanzi l-ispejjez ta' dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------